MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 160/2001/1

**David Mallia**

**vs**

**David Galea**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta' Frar, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur xtara vettura Porsche 911 bin-numru ta' registrazzjoni EBB 974 minghand il-konvenut ghall-prezz ta' erbat elef u mitejn lira Maltin (Lm4,200) u hallas ukoll l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) li jirraprezentaw zewg licenzji skaduti;

Wara li xtara din il-vettura rrizulta li bhala fatt l-vettura hija maghquda ma’ vettura ohra bir-rizultat li din il-vettura hija ta’ zewg bicciet minn zewg vetturi differenti;

L-attur ma kienx *a konoxxenza* ta’ dan il-fatt meta xtara u lanqas ma l-konvenut ma nfurmah b’dan il-fatt;

Il-kunsens tal-venditur kien vizzjat minhabba li taffettwa l-materja stess tan-negozju u minhabba l-frodi *da parti* tal-konvenut peress illi jekk l-attur kien jaf b’dan il-fatt ma kienx jixtrieh;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba zball ta’ fatt u jew minhabba l-frodi *da parti* tal-konvenut.

2. Tiddikjarah responsabbli ghall-azzjonijiet tieghu.

3. Tordna li tikkundanna lill-konvenut jirrifondi l-ammont ta’ erbat elef u tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm4,350) rapprezentanti l-prezz ta’ bejgh ta’ erbat elef u mitejn lira Maltin (Lm4,200) u mija u hamsin lira Maltin (Lm150) li jirraprezentaw licenzji skaduti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. L-attur ghandu jiccara u jaghzel liema mill-allegati vizzji tal-kunsens huwa qieghed jinvoka ghar-rigward tal-ftehim konkluz bejn il-partijiet *stante* illi l-ewwel talba kif propost hija kontradittorja u konfliggenti;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi ma kien hemm ebda frodi *da parti* tal-konvenut, li dejjem agixxa *in buona fede*;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-attur

ghamel il-verifiki kollha tieghu fuq il-vettura *de quo* qabel ma' xtraha, u kien jaf sewwa x'kien qieghed jixtri, u ghalhekk il-kunsens tieghu ma kien vizzjat minn ebda zball;

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-vettura nbieghet lill-attur *tale quale*, fl-istat li kienet fiha;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar, 2002, fejn gie registrat li l-konvenut kien qed jirtira l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Novembru, 2002, li *in forza* tieghu inhatar bhala perit tekniku s-Sur Joseph Zammit biex jirrelata fuq l-istat tal-vettura meritu tal-kawza;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu pprezentat fit-2 ta' Marzu, 2005, u mahluf waqt l-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2005;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thallit ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f'din il-kawza kien, fl-20 ta' Marzu, 2000, xtara minghand il-konvenut karozza tat-tip Porsche 911 bin-numru tar-registrazzjoni EBB-974, u dana versu l-prezz ta' Lm4200. Il-karozza giet registrata fuq isem l-attur fis-7 ta' April, 2000. Qabel ma l-attur xtara l-karozza, kien mar

jaraha ma' missieru, li hu mekkanik, u daru dawra biha izda giet misjuqa biss mill-konvenut. Wara li xtara l-vettura, hadha ghand mekkanik ghat-*tuning* tal-magna, u wara ghand persuna ohra li taghmel l-*alignment* tar-roti. Meta dan tal-ahhar gholla l-karozza fuq *jack*, sab li l-karozza kienet, fil-fatt, zewg bicciet ta' Porsche differenti imwahhlin ma' xulxin, u kellha wkoll xi bicciet neqsin.

Mill-ezami tal-vettura li ghamel il-perit tekniku, instab li fil-waqt li n-numru tac-*chassis* li kien hemm fuq il-karozza, kien jaqbel man-numru indikat fid-dokument ta' registrazzjoni tal-vettura (komunement maghruf bhala il-*log book*), in-numru tal-magna ma kienx jaqbel, ghax in-numru fuq id-dokument kien 961433, fil-waqt li n-numru li kien jidher fuq il-magna kien 6104249. Il-perit tekniku ikkonferma li l-karozza kienet maqghuda minn zewg partijiet, u sab ukoll li kellha hafna sadid u *welding* li sar bl-addocc. Hu sab li din il-karozza kellha tbaghbis estensiv, mhux biss fis-sens li sar hafna *welding* biex inghaqdu z-zewg bicciet, izda ukoll fis-sistema tas-*suspensions* taghha li kienu deterjorati. Hu kkonkluda li l-karozza ma kienetx *safe* li tinstaq fit-triq.

L-attur qed jitlob li dan il-bejgh ghandu jigi rexiss minhabba l-vizzju tal-kunsens, specifikament minhabba zball ta' fatt u/jew frodi *da parti* tal-konvenut. Fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2002, l-attur ispecifika li hu kien qed jibbaza t-talba tieghu fuq allegazzjoni ta' frodi *da parti* tal-konvenut.

Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jhassar is-siwi tal-istess kunsens, jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghamil li jmur lil hinn minn ftahir ezagerat dwar il-kwalita' tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju *in kwistjoni*. Fil-kaz tal-qerq, ghall-kuntrarju ta' dak li jigri fil-vjolenza (bhala kawza ta' nullita' tal-kunsens), is-sehem

ta' terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun gie mehud b'qerq. Dan il-principju wkoll johrog mil-ligi. (ara "Portelli vs Felice", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Lulju, 2004).

Intqal ukoll illi l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabiliti bla xkiel jew diffikulta' zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, ghall-kuntrarju ta' dak li huwa mehtieg meta jigi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-ghamil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oggett tan-negozju li jkun. (ara "Zammit noe vs Fenech et", deciza ukoll minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2004).

Il-Qorti hi konvinta li, f'dan il-kaz, dawn ir-regoli gew sodisfatti. L-attur ried jixtri karozza normali li, ghalkemm ma tkunx gdida, tkun *safe* u tajba ghat-triq. Zgur li ma riedx zewg nofsijiet ta' karozza! Il-konvenut ingannah billi, fil-waqt li assigurah li fil-karozza ma kien kien hemm xejn hazin, bieghlu vettura ta' zewg bicciet iweldjati ma' xulxin, b'hafna sadid u bis-*suspension system* iddeterjorat. *Inoltre* bieghlu karrozza kontra l-ligi ghax in-numru tal-magna taghha ma kienx jaqbel man-numru indikat fuq il-*log book*, bir-rizultat li l-attur setgha dahal fl-inkwiet anke mal-awtoritajiet. Din il-Qorti hi konxja tal-fatt, sfortunatament komuni f'Malta, li hafna importaturi, flok jimportaw karozza shiha, jimportaw zewg nofsijiet, suppost bhala *spare parts*, u jaqduhom flimkien biex joholqu karozza. Lill-attur, *pero'*, ma giex muri li l-karozza li kien se jixtri kienet wahda minn dawk. L-attur, li jhobb l-vetturi tat-tip Porsche 911, ma kienx se jixtri dik il-vettura kieku kien jaf li kienet maqsuma fit-tnejn u iweldjata b'mod li, kif irrelata l-perit tekniku, ma kienetx *safe* li tinstaq.

Biex ikun hemm il-qerq, mhux mehtieg li l-parti ohra taghmel xi att pozittiv li bih tinganna lill-kontraent l-iehor; is-silenzju jew nuqqas ta' informazzjoni f'certi cirkustanzi jista' jwassal ghal qerq. Din tidher li hi s-sitwazzjoni fi Franza, fejn il-ligi civili kienet u ghada bbazzata, bhala f'Malta, fuq il-Kodici *Napolean*. L-awturi John Bell u

ohrajn, fil-ktieb *"Principles of French Law"* (Oxford 1998) jghidu, f'pagna 316, li *"since the 1950s, French courts have accepted that a knowing and dishonest failure to disclose a matter the latter would have difficulty in finding out for himself constitutes dol par riticence (fraudulent non-disclosure) and can therefore give rise either to annulment and/or damages"*.

F'dan il-kaz il-Qorti hi konvinta li l-konvenut kien jaf x'tip ta' karozza kellu u kellu jinforma lill-attur bic-cirkustanza taghha li zgur kienu importanti ghalih. Lanqas jista' jinghad li l-attur seta' facilment jinduna bl-istat tal-karozza. L-attur mar dawra fil-karozza, *pero'*, ma kienx mistenni li hu jgholli l-karozza bil-*jack* biex jara tahta u jezamina c-*chassis*. Min jixtri vettura ghandu dritt jistenna li dik il-vettura tkun tajba ghall-uzu li wiehed jistenna li jaghmel biha. Ix-xerrej hu mistenni li jipprova l-vettura u jaghtiha titwila sew, izda mhux mistenni jifliha, jiccekkja tahta, jezamina s-*suspensions*, u n-numru tac-*chassis* u tal-magna biex jara jaqblux mal-*log book*. Huwa obbligu tal-venditur li jara li l-oggett li qed ibiegh huwa oggett legali, *safe* u kif wiehed jistenna li jkun dak l-oggett. Il-Qorti ma taccettax li l-konvenut, f'dan il-kaz, kien in *bona fede*. Huwa *dealer* fil-karozza u ghandu certa esperjenza f'dan in-negozju; hu zgur li hu midhla ta' certi drawwiet fis-suq lokali tal-karozzi u, *a differenza* mill-konsumatur, kellu l-mezzi u l-opportunita' jkun jaf ic-cirkustanza tal-vetturi li hu joffri ghall-bejgh. *Kwindi,* l-Qorti hija konvinta li l-konvenut agixxa b'qerq fil-konfront tal-attur li, ghalhekk, ghandu dritt jhassar il-bejgh.

Jirrizulta li l-attur hallas Lm4200 ghall-karozza u Lm150 ghal zewg licenzji skaduti. Min naha l-ohra , l-attur zamm il-vettura ghandu u ma ghadhiex biex jiddeposita l-istess taht l-awtorita' tal-Qorti. Ghandu jinghad li ghalkemm l-attur naqas li jitlob specifikament it-thassir tal-bejgh, it-talba tieghu hija immirata ghal dan l-iskop, peress li l-kunsens rizultat ta' ghemil doluz iwassal biex il-kunsens *"ma jkunx jiswa"* (artikolu 974 tal-Kodici Civili), u huwa *"motiv ta' nullita' tal-ftehim"* (artikolu 981 ibid); *kwindi* meta l-attur talab biex il-konvenut jigi dikjarat *"responsabbli*

*ghall-azzjonijiet tieghu"*, il-konsegwenza hi li l-konvenut wassal ghat-thassir tal-kuntratt rizultat tal-agir tieghu.

Jibqa' l-fatt li l-attur zamm il-karozza ghandu u *kwindi* assuma responsabilita' ghall-istess. Il-perit tekniku, meta ezamina l-vettura f'Mejju tal-2004, sab li kienet mitluqa u malandata u ghal dan id-deprezzament ma jahti hadd hlief l-attur. *Kwindi*, fil-waqt li l-atturi ghandu dritt ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm4350, irid jirritorna l-vettura lill-konvenut u jikkompensah ghad-deprezzament li garrab l-oggett waqt li din kienet f'idejh. Il-Qorti, *arbitrio et boni viri*, tiffissa dan il-kumpens fl-ammont ta' Lm800.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u wara li tirexxendi l-bejgh li sar bejn il-partijiet fl-20 ta' Marzu, 2000, tordna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm3550 (tlett elef, hames mija u hamsin liri Maltin) hekk kif l-attur jirritornalu l-vettura jew jiddepozitaha fuq isem il-konvenut biex tigi minnu liberament irtirata; fuq is-somma ta' Lm3550, l-attur ghandu jhallas l-imghax legali li jibdew jiddekorru minn meta jinghata konsenja tal-vettura jew min meta l-istess vettura tigi depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti kif inghad.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal-kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------